**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 20 ta' Gunju 2023**

**Talba numru 111/2023 SFJ**

**VODAFONE MALTA LTD**

**ILLUM EPIC COMMUNICATIONS LTD (C 10865)**

**VS.**

**ABIGAIL MAATOUG (KI 0582078 M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-23 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu, is-soċjeta' attriċi ippremettiet u talbet is-segwenti:

- *"Illi jogħġobha tordna w tikkundanna lill-intimata tħallas is-somma ta' elf u sebgħa w ħamsin ewro u tnax-il ċenteżmu (Eur 1,057.12) rappreżentanti ta' servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi tat-telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 1.10953189 fuq talba w a benefiċċju tal-intimata u dan kif jirriżulta mill-fattura, li kopja tagħha stess ġiet annessa;*
- *Illi dan il-kreditu qiegħed jiġi kkonfermat mir-rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi u dan kif jidher fl-Affidavit hawn anness;*

- *Illi bl-ispejjes inkluz tal-ittra uffiċjali 166A, bin-numru 232/22 u bl-imghaxx mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv".*

It-Tribunal ra illi r-riferta datata 14 ta' April 2023 ma taghtix data ezatt ta' meta l-intimata giet notifikata, peress illi il-purtier kiteb "No Date", u ghalhekk, it-Tribunal taha aktar mic-cans skont il-Ligi, sabiex din tipprezenta r-risposta taghha. Infatti, fis-seduta ta' 2 ta' Mejju 2023, it-talba giet diferita ghat-30 ta' Mejju 2023 ghar-risposta u dan sabiex it-Tribunal ikun cert illi ma gietx ipprezentatha l-ebda risposta sa dan iz-zmien.

It-Tribunal ra illi sat-30 ta' Mejju 2023, ma giet ipprezentata l-ebda risposta u ghalhekk ghadda sabiex tghaddi s-Sentenza**.**

**Provi Mressqa w Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Riċentament ukoll sentenza mgħotija mill-Onorevolli mħallef Christain Falzon Scerri nhar it-18 ta' Novembru, 2022 (rikors 1090/2021) (ara ***Salvatore Battiato u Emanuela Graziella Vanella vs. Alessandro Mercieca*** ) fejn l-Imħallef iddikjara "Il-grad ta' prova li l-atturi kellhom jilħqu, huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet".

It-Tribunal jirreferi għall-Affidavit ta' Dr. Jeremy Bonello, datat 21 ta' Marzu 2023, fejn hu kkonferma dak kollu li ntalab fl-Avviż u cioe li l-ammont ta' elf u sebgħa w ħamsin ewro u tnax-il ċenteżmu (Eur 1,057.12) huwa dovut mill-istess intimata.

Wara li -Tribunal ra dan l-Affidavit w id-dokumentazzjoni pprezentata, ma jsibx diffikulta' jikkonkludi illi s-socjeta' attriċi timmerita illi tieghu dan l-ammont reklamat skont l-avviz tat-Talba.

**<u>Deċide</u>**

Fid-dawl tal-fatt hawn fuq imsemmi, għalhekk it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' elf u sebgħa w ħamsin ewro u tnax-il ċenteżmu (Eur 1,057.12), rapprezentanti bhala ammont ta' servizzi rezi, in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari, ukoll l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 166A, bin-numru 232/22, u bl-imgħaxx mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

---

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**